# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Settembru, 2022

**Numru**

**Rikors Numru 684/2019 TA**

**Anthony George Field (Karta tal-Identita' numru 32286A)**

**Vs**

**Gozo Express Services Limited (C-39408)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Anthony George Field (L-attur) tal-11 ta' Lulju 2019

li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**1.** "Illi r-rikorrent kien involut f'inċident li seħħ nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala impjegat tas-soċjeta' intimata, meta numru ta' imwejjed li kienu qed jitniżżlu minn fuq trakk permezz ta' lifter waqgħu fuq sieq il-leminija tar-rikorrent waqt li r-rikorrent kien qed iniżżel l-imsemmija imwejjed flimkien ma' kollega ieħor tax-xogħol;

**2.** Illi riżultat dirett ta' dan l-inċident ir-rikorrent sofra ġrieħi gravi u permanenti f'saqajħ il-leminija, telf ta' qliegħ u danni materjali oħra kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

**3.** Illi l-inċident seħħ wara li r-rikorrent Anthony George Fields ħaddem il-makkinarju provdut lilu mill-kumpanija intimata u wara li ha l-prekawzjonijiet kollha neċċessarji kif kien ġie muri mill-kumpanija stess;

**4.** Illi r-rikorrent ittieħed immedjatament l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u ġie ċċertifikat li riżultat tal-inċident huwa sofra danni fiżiċi gravi, fejn kellu dislokazzjoni gravi f'saqajħ il-leminija (Rapport mediku anness u mmarkat Dok. AGFI) u b'hekk ġie trasferit l-Isptar Mater Dei fejn kien sottopost għal numru ta' operazzjonijiet sabiex b'intervent minnhom saret rikostruzzjoni ta' saqajh (Rapport mediku anness u mmarkata bħala Dok AGF 2);

**5.** Illi b'riżultat ta' dan ir-rikorrent dam rikoverat l-Isptar Generali ta' Għawdex u Mater Dei għal numru ta' ġimgħat u sussegwentament attenda għal fisjoterapija l-Isptar Generali ta' Għawdex bħala out patient,

**6.** Illi l-impjieg tar-rikorrent mas-soċjeta intimata ġie tterminat fit-28 ta' Lulju 2018 u dana peress li ma baqax tajjeb għax-xoghol riżultat tal-inċident li kellu u kien ukoll użufruwixxa ruħu mill-injury leave kollu dovut lilu;

**7.** Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament b'tort, negliġenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjeta intimata;

**8.** Illi minkejja l-fatt li s-soċjeta intimata ġiet interpellata tersaq għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, permezz ta' ittra uffiċċjali tas-27 ta' Lulju 2018 (kopja ta liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. AGF3) is-soċjeta intimata baqgħet inadempjenti;

**9.** Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-surriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex -

**1.** Tiddikjara lis-soċjeta intimata unikament responsabbli għall-inċident ta' korriment fuq ix-xogħol li seħħ fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn ir-rikorrent sofra debilita permanenti waqt il-qadi ta' dmirijietu;

**2.** Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident ilmentat u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ, u

**3.** Tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrent d-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.

Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tad-data sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ppreżentata preċedentement kontra s-soċjeta intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Gozo Express Services Limited (Is-Soċjeta' konvenuta) tat-3 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

**1.** "Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-Dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti, u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort jew b'xi nuqqas tas-soċjeta' esponenti, iżda tort tal-istess rikorrenti u dana minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u l-prassijiet

normali ta' fuq ix-xogħol, u dan hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

**2.** Illi subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, apparti l-kwistjoni dwar ir-responsabilita’ għall-inċident, is-soċjeta' esponenti qiegħda wkoll tikkontesta l-effett tal-ġrieħi u d-debilita' permanenti illi allegatament ġarrab ir-rikorrenti in segwitu ta' dan l-inċident, u għaldaqstant r-rikorrenti għandu jressaq kull prova valida skond il-Liġi sabiex jipprova:

**a.** Il-kawżalita’ bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-ġrieħi allegatament sofferti minnu; u

**b.** Id-debilita permanenti allegatament sofferta minnu in segwitu ta' dan l-inċident.

**3** Illi d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma wkoll kontestati, u r-rikorrenti għandu jressaq kull prova valida skond il-Liġi sabiex jipprova t-telf illi allegatament sofra in segwitu ta' dan l-inċident;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Liġi”.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta’ fatti:</u>**

L-Attur huwa inpjegat mas-Soċjeta’ konvenuta li tipprovdi servizzi ta’ ġarr ta’ mobbli. Fis-27 ta’ Lulju tal-2017 kien qiegħed iwassal konsenja ta’ tlettax il-mejda ta’ daqs kbir. Ta’ ċirca 186cm dijametru, minn Malta għal Ta’ Frenċ Restaurant. Kienet l-aħħar biċċa xogħol tal-ġurnata.

Fl-operazzjoni ta’ ġarr u ħatt ta’ dawn l-imwejjed, l-Attur kien assitit minn persuna oħra, ċertu Antonio D’Amico. Kien talab li jkollu miegħu lil Anthony Welsh, li xehed anke fil-Kawża, iżda dan kien fuq biċċa xogħol oħra. Dawn l-imwejjed kienu kollha fuq trolley. Il-ħsieb kien li dan it-trolley jitniżżel bit-tail lift tal-vettura u wara jitniżżlu waħda waħda (ara affidavit tal-Attur A’ fol 29). L-Attur

li kellu l-kontrolli tal-operazzjoni f'idejh kien f'tarf iżomm it-tagħbija, mentri il-persuna l-oħra fit-tarf l-ieħor.

F'ħin minnhom dan it-trolley għarbula għal fuq l-Attur liema fatt kien il-kawża tas-sinistru li wassal għal dawn il-proċeduri.

**Punti ta' Liġi:**

It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fil-kors tax-xogħol. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.

Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)). Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "a safe system of work" kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol, bħal huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi meżżi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo**

**sive Charles Farruġia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999**) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Ukoll "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)." (**Ara Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**).

Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*"

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejħ (Ara **App. Ċiv. Tat-28 ta' April tal-2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. Et**); Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn

kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward.

Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424. Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borġ -vs- George Wells et noe** (mhix pubblikata).

Daqstant ieħor ifisser li jekk Sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino (mhix pubblikata) Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li

joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farruġia -vs- Elbros Construction Ltd)**. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad- 9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28** ) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg *"it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: *"Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per*

*l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**). Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtiega biex jinħeles mir-responsabbilita'.

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Huwa fid-dawl tal-liġijiet fuq imsemmija u t-tagħlim ġurisprudenzjali indikat li din il-Qorti ser tqies it-talbiet attriċi minn kif jirrisultaw mill-provi imressqa waqt il-Kawża.

Il-Qorti tħoss li għandha tissenjalha is-segwenti fatti qabel kull ħaġa oħra:

1. Kwantu dak li jirrigwarda lbies prottetiv jirrisulta. li is-Soċjeta' intimata wettqet dak li titlob minnha mill-liġi. Fix-xhieda tiegħu Anthony Welsh, impjegat ieħor tas-Soċjeta' konvenuta jikkonferma li kienu jingħataw ilbies protettiv u li kien dejjem jinżamm minn kull ħaddiem fl-lockers (a' fol 301). Dan l-ilbies kien jingħata lill-impjegat hekk kif ikun ingaġġat (ra xhieda Jospeh Refalo a' fol 306 tergo). L-Attur f'ebda parti tax-xhieda tiegħu ma ikkontesta li l-ilbies protettiv adegwat ma ġiex fornut.
2. It-Trolley inkwistjoni ma ġiex fornut mis-Soċjeta' konvenuta iżda mill-klijenti tagħha u ċioe'mill-Kumpanija Continental Purchasing li tinsab Ta' xbiex Malta. Dawn kienu propjeta' tagħha (ara a' fol 309 xhieda ta' Joseph Refalo).

3. L-Attur kien assistit minn Toni D'Amico, impjegat ieħor tas-Soċjeta' Konvenuta, li kien ta' nazzjonalita' taljana u li ma xehedx fil-Kawża. Dan ma kienx ilu imjegat u li qabel diġa' kellu xi inċidenti ma impjegati oħra, fosthom l-Attur (ara Affidavit tal-Attur a' fol 29 l-aħħar paragrafu u dik tax-xhud Matthew Head a' fol 272).

Jemerġi ċar mill-provi prodotti, li l-kawża prinċipali tal-inċident kien trolley li fuqhom kien hemm dawn l-imwejjed li meta l-Attur prova jniżżel fuq it-tail dan għeleb għal fuqu bl-imwejjed b'kollox li għaffiġlu saqajħ. Dan it-trolley ma kienx fornut mis-Soċjeta' konvenuta iżda mill-klijent tagħha.

Jirrisulta ukoll, li fuq il-vettura li provdiet is-Soċjeta' konvenuta sabiex jinġarru dawn l-imwejjed kien hemm runners tal-injam fejn dawn l-imwejjed setgħu jintrabtu biex wara jitniżżlu waħda waħda, proċess li kien ser jieħu aktar żmien milli kieku tniżżlu kollha f'daqqa bit-trolley fuq it-tail lift, li kieku dan ma nqalibx.

F'dan ir-rigward Joseph Refalo, għas-Soċjeta konvenuta jixhed hekk : (Copy in brackets a' fol 332 u tergo). F'dan ir-rigward dan il-fatt huwa utili jiġi riportat dak li xehed l-Attur in kontro eżami fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021.

" ***Xhud:*** *So ther were thirteen tables to picku up and I don't believe the trolley was included.*

***Dr.Cythia****: Perfect*

***Xhud****: But it made it easier for me to borrow the trolley.*

***Dr. Cynthia Galea****: Who let you borrow the trolley?*

***Xhud**: The company.*

***Dr. Cyhthia Galea**: Do you remember the name?*

***Xhud**: It's four years ago ?*

***Dr. Cyhthia Galea**: No problem, so it was a inilliteral (recte: unilateral) decision to use the trolley from your side . Am I correct?*

***Xhud**: Yes.*

***Dr. Cynthia Galea**: Yes*

***Xhud**: And it makes the job easier.*

***Dr. Cynthia Galea**: So an I correct in saying that Gozo Express Services Limited, never asked you to carry these tables on a trolley?*

***Xhud**: Right.*

***Dr. Cynthia Galea**: Am I also correct in saying that the van supplied on the day of delivery was in fact equipped for these tables, to stand inside the van one by one not.*

***Xhud**: No*

***Dr. Cynthia Galea**: No?*

***Xhud**: No. It's not me how I stack them in there.*

***Dr. Cythia Galea**: But am I correct in saying that Gozo Express Services Limited supplies a van , which effectively could tie the tables one by one, inside the van*

***Xhud**: It's been a lot of time.*

***Dr. Cynthia Galea**: Do you remember?*

***Xhud** : Yes I know the van. You in the van table in, and tie, and got another table and tie*." (a' fol 325 tergo u 326)

Aktar tard f'din ix-xhieda l-Attur, għalkemm jgħid li dan il-van ma kienx diżinjat għal ġarr ta' dawn l-imwejjed, jirrikonoxxi espliċitament li "*The truck has wooden bars there on the sideway you can tie to."* (a' fol 326 tergo).

Mill-provi għalhekk jirrisulta, li dan it-trolley ma kienx waħda mill-għodod li provdiet is-Soċjeta' konvenuta għall-ħatt ta' dawn l-imwejjed. Jirrisulta ukoll, li din fl-ebda ħin ma kienet infurmata li kien ser jintuża dan it-trolley. L-unika darba li l-Attur ikkomunika mas-Soċjeta' konvenuta dwar dan ix-xogħol kien, meta talabha li miegħu ikollu lix-xhud Tony Welsh, li kif diġa' aċċennat ma kienx disponibbli għaliex kien fuq xogħol ieħor (ara a' fol 29).Di fatti kien għalhekk li bagħtu miegħu lil imsemmi Toni D'Amico biex jassistih.

Għalhekk, kwantu għall-presenza u użu ta' dan it-trolley kienet deċiżjoni unilaterali tal-Attur li jużah. Is-Soċjeta' Konvenuta ma setgħetx tkun taf b'dan u għalhekk ma tistax umanament tinżamm responsabbli għall-użu tiegħu. Jidher li l-Attur ħass li kellu jissellef dan it-trolley (fi kliemu *to borrow*) għaliex kien ser jirrendilu ħajtu aktar faċli (fi kliemu *easier*). Riskju li ħass li kellu jieħu mingħajr ma jinforma lis-Soċjeta' Konvenuta. Jidher, li kif diġa' aċċennat, kienet l-aħħar biċċa xogħol tal-ġurnata u di piu' Għawdex. Dawn jidhru li huma kollha fatturi li waslu lill-Attur biex jieħu dan ir-riskju għaliex bħal donnu ried jeħles malgħajr.

Il-Qorti tħoss, li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Attur, kif jitolbu r-regolamenti suċitati, kellu l-obbligu li jimxi id f'id mas-Soċjeta' konvenuta u juri kooperazzjoni ai fini ta' protezzjoni ta' saħħtu u anke ta' dawk li kien hemm miegħu. Di fatti jidher, li kemm minħabba l-esperjenza tiegħu u kif ukoll għaliex daħal qabel fl-impieg, kien senior ta' D'Amico.

Kwantu jirrigwarda t-taħriġ tal-ħaddiema, il-Qorti tosserva is-segwenti.

Fl-ewwel lok is-sitwazzjoni ma kienitx waħda dwar jekk ingħatax taħriġ. Hemm sitwazzjoni li bit-taħriġ jew mingħajru jipprevali is-sens kommun u r-raġjonevolezza. Is-sitwazzjoni kienet tesiġi li fl-ewwel lok il-ħatt u ġarr l-imwejjed inkwistjoni, kellu jsir bl-għodod li provvedit s-Soċjeta' konvenuta, fosthom l-irbit bil-ħbula u li jagħmel użu tajjeb mit-tail lifter tal-vettura, partikularment f'dan il-każ, fejn kien hemm diżlivell fl-art fejn kellhom jinħattu dawn l-imwejjed. L-Attur fl-affidavit tiegħu jammetti li "…*in this particular instance the road was slightly sloped and rough*". (a' fol 29). Fil-fhema tal-Qorti, din hija raġuni oħra għala dawn l-imwejjed ma kellhom jinħattu bil-mod adoperat ċioe' bit-trolley, iżda bl-idejn.

Fit-tieni lok, L-Attur kien diġa familjari ma' dan ix-xorta ta' xogħol tant li jispjega li " *I do ahever have experience with this type of work, since I've driven Lorries coaches and buses in England for over 25 years. I am a certified CPC Driver for Category D vehicle, which includes lorries….My work in England also involved house removals, I worked for Pickford's and Chapman which are large house removal companies, which provide services to its customers who would be moving home and hence we would carry large objects and load the onto*

*lorries."* (a' fol 28). Dan ifisser li ndipendentement minn kull taħriġ hawn Malta, l-Attur diġa' kellu esperjenza vasta fix-xogħol mertu ta' din il-Kawża. ċirkostanza oħra li tkompli tikkonvinċi lil din il-Qorti, li b'esperjenza bħal din, kellu jagħmel użu tajjeb mid-diskrezzjoni tiegħu, qabel ma iddeċieda li jagħmel użu mit-trolley inkwistjoni mingħajr ma jinforma lis-Soċjeta' konvenuta.

Fit-tielet lok, minn email esebita minn Joseph Refalo, meta l-Attur ġie ngaġġat fi Frar tal-2017, ġie infurmat hekk: "Should you be in agreement, let me know when you are available to commence training." (Emfażi tal-Qorti. A' fol 314). L-Attur ma kontestax din l-email.

Dwar Antonio D'Amico, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Kif diġa' rilevat, l-imsemmi kien ilu xi xahar biss fl-impieg tas-Soċjeta' konvenuta u ma hemm ebda dubbju li kien għadu qiegħed jikseb esperjenza. L-Attur saħansitra kien mitlub li jieħdu miegħu biex presubilment jitgħallem u jiksibha (ara a' fol 29 Affidavit tal-Attur). Jirrisulta ukoll li kemm fil-każ tal-Attur u anke ta' oħrajn, din il-persuna kienet il-Kawża ta' żewġ inċidenti. Anzi Matthew Head jispjega li "*He drops things…..he just drop(s) it. The we are on a stairs struggling to keep balance. That's only one instance but there was many others. He drops, say very large machinery St. Francis Square …..because he did not have enough strength to hold and that we had a problem with and we told Joseph many times. He was very aware of the situation. Very aware.*" (a' fol 273). Jidher li kien ser ikun hemm xi deċiżjoni dwar dan, iżda qatt ma ttieħdet mis-Soċjeta' Konvenuta u l-ħaddiema l-oħrajn kienu kostretti jaħdmu miegħu (ara l-istess xhieda).

Dan jispjega għaliex l-Attur staqsa l-ewwel għal Tony Welsh u minn flok bagħtu miegħu lil Toni D'Amico. Mix-xhieda jirrisulta, li dan mhux żgur kien jifhem l-ingliż bi preġudizzju għall-istruzzjonijiet li kienu jingħatawlu minn dawk li kienu miegħu. Iżda il-vertenza li għandna quddiemha hija din: dan il-fatt jaħti għall-inċident li ġara?

Il-Qorti temmen li kien hemm kumulu ta' raġunijiet għalfejn ġara dan l-inċident. Fost dawn, li l-Attur minn jheddu għażel li juża t-trolley. Anzi din kienet l-akbar raġuni u kienet in-ness każwali prinċipali li waslet għall-inċident. Skont din il-Qorti, huwa l-Attur li għandu jwieġeb għal dan u mhux unikament is-Soċjeta' konvenuta. Fl-isfond ta' din l-imġieba tal-partijiet, il-Qorti trid tikkunsidra min kien il-kawża prossima tal-ħsara sofferta mill-Attur skont il-prinċipju stabbilit fl-artikolu 1031 tal-Kap. 16. Fi kliem ieħor, trid tiskopri u tiddetermina min irid jerfa' r-responsabbiltá għal dak li ġarrab l-Attur, u anke jekk kienx hemm xi fattur kontributorju ai termini tal-artikolu 1051 tal-Kap. 16 (Ara **Alan Busuttil et -vs- Raymond Farruġia, Qorti Ċivili Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 2011**).

Din il-Qorti tgħid, li fiċ-ċirkostanzi kien hemm negliġenza kontributorja minn naħa tal-Attur. Pero' kontributorjeta' mhux direttament għad-danni, iżda għall-mod kif seħħ l-inċident li finalment xorta ser jirrifletti fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni. Altru aġir li jikkontribwixxi għad-danni (per eżempju meta passiġġier ma jilbisx is-seat belt) u altru meta l-vittma tkun parteċipi fil-mekkanika ta' kif ikun seħħ l-inċident ( bħal meta dak li jkun jaqsam it-triq fis-sakra).

F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

*"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet* *jew tat okkażjoni* *għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet* *jew tat okkażjoni* *għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu i*kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni" (Emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma **tikkontribwixxi** għal ħsara jew tkun **tat okkażjoni** għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: ma libsitx ilbies prottettiv li seta' jnaqqas id-danni) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: għażlet li tuża għodda mhux idoneja ad insaputa tal-prinċipal).

Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attur f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Għaliex kif irriżulta, kien hu minn jheddu li jagħmel użu mit-trolley li ma kienx ta' min jimpjegah. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' f'din fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara iżda mhux għall-inċident. Dik tal-aħħar qatt ma tista' tingħad li kienet b'xi mod kwalunkwe l-kawża prossima tas-sinistru

fih innifsu iżda biss tal-ħsara li sofriet (Ara **Sentenza tal-20 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet Censina Robinson -vs- Josef Zerafa Prim Awla**.)

Min naħa l-oħra, lanqas din il-Qorti ma tista' tinjora li s-Soċjeta' konvenuta assenjat lill-Attur sabiex jassistiħ, lil Toni D'Amico, li kif jirrisulta mill-provi għadu mhux moħmi fl-esperjenza għal dan ix-xorta ta' xogħol. Apparti l-kwistjoni tal-lingwa biex jikkomunika ma' xi ħadd bl-ingliż, li f'dan ix-xogħol huwa importanti ħafna, mix-xhieda jirriżulta (a) li kemm-il darba kellu problemi fuq ix-xogħol u (b) li Joseph Refalo kien jaf bil-problema u baqa' ma għamel xejn (ara xhieda ta' Joseph Head a' fol 290 u tergo).

Dan ma jfissirx li kieku intbagħat ħadd ieħor floku, l-inċident ma kienx iseħħ, iżda jidher, li dan Toni D'Amico ma għandux il-kostituzzjoni fiżika u ħiliet biex jidħol għal xogħol ta' ċertu kobor u toqol (ara Xhieda supra ta' Head). Għalhekk jidher li huwa manifest li xogħol ta' kobor u toqol ma jidhirx li kien ħobż għal sninu. B'persuna aktar kapaċi, idoneja u ta' esperjenza tassisti lill-Attur, jekk l-inċident ma kienx ikun evitat possibilment id-danni setgħu ikunu minimiżżati.

Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs-Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 ( Vol XLVIII.i.59)** fejn il-Qorti spjegat hekk: "*Li meta jkun hemm htija kontributorja da parti tyad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna il-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew id-danneggjanti ikunu ikkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo,*

*minghajr regola prestabbilita' mill-ligi stess li tistabilixxi ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu.*"

F'dan ir-rigward huwa interessanti ukoll dak li tgħid il-ġurisprudenza ingliża f'dan ir-rigward u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases"* (Ara **House of Lords Mc Gregor Case [1943] A.C 197. Ara ukoll Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

Fil-Kawża simili għal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, itqal hekk:

*"l-ewwel Qorti ma irriskontrat l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta` appellata ghaliex din ipprovdiet mezz ta' trasport adegwat, il-kavallett fejn kellhom jistriehu l-gypsum sheets, kif ukoll hbula biex dawn ix-sheets jintrabtu mal-hadid tal-kaxxa tal-van biex ma jkunux jistghu jghelbu kif fil-fatt gara. Is-socjeta` appellata kienet tat l-istruzzjonijiet kollha mehtiega u halliet f'idejn persuna kapaci, cioe` l-appellant biex jesegwixxi x-xoghol b'mod tajjeb*." (Ara **Sentenza tat-3 ta' Diċembru, 2004 Appell fl-ismijiet John Gerada- vs- Marsalite Ltd**)

Għalhekk wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tħoss li ir-responsabilita għal inċident għandha tinqasam hekk: Kwantu għal tletin fil-mija 30% tas-Soċjeta; konvenuta u sebgħin fil-mija 70% tal-Attur.

**Likwidazzjoni:**

Kif huwa stabbilit kemm mill-liġi b'artikolu 1054 tal-Kodiċi Ċivili u anke mis-sentenza ta' dawn il-Qrati fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, id-danni huma jikkonsisti f'telf attwali (*damnum emergens*) u telf fil-futur (*lucrum cessans*).

*Damnum emergens*

It-telf attwali li soffra l-Attur jammonta għal mitejn u disgħin ewro (€290) kif jirriżulta mir-riċevuti esebiti bħala Dok AF19 (a' fol 71 u 318). Minn dan l-ammont is-Soċjeta' konvenuta trid tħallas 30% u ċioe' sebgħa u tmenin ewro (€87).

Lucrum cessans

Il-Qorti eżaminat in-nota presentata mill-Attur dwar il-komputazzjoni tad-danni tal-Attur (318 sa 320). Jiġi qabel xejn rilevat li l-perċentwal ta' 20% ta' diżabilita permanenti stabbilta minn Mr Ray Gatt bħala espert ex-parte ġiet aċċettata mill-parti l-oħra (Ara verbal a' fol 72 u 324) għalhekk ma kienx hemm bżonn il-ħatra ta' espert mediku tal-Qorti. Dan franka ħafna ħin.

Il-Qorti eżaminat in prinċipju l-komputazzjoni u kalkolu tad-danni kif kalkolati fin-nota tal-Attur. Pero' ma taqbilx mas-suġġeriment li ma għandux ikun hemm tnaqqis tal-lump sum payment u lanqas fuq il-medda ta' żmien dwar il-ħajja lavorattiva tal-Attur kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

It-tnaqqis tal-lump sum payment dejjem ittieħed in konsiderazzjoni ma fattur importanti: kemm laħaq għadda żmien minn meta seħħ l-inċident sakemm ingħatat is-Sentenza.

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati jgħallmu, li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali [ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**]. Fis-Sentenza tal-**Prim' Awla fl-ismijiet Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża għaliex jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-"*lump sum deduction*" – (ara **Sentenza PA, fl-ismijiet Agius vs Fenech 29 ta' Rik. Nru. 96/18TA 32 Ottubru, 2003**).

Fuq skorta ta' dan it-tagħlim, il-Qorti tosserva li għalkemm l-inċident seħħ fis-27 ta' Lulju 2017, il-Kawża saret fil-11 ta' Lulju 2019. Għalhekk, għad-dewmien biex saret il-Kawża ma għandiex twieġeb is-Soċjeta' konvenuta. Il-Qorti ser tqis kemm ilha pendent din il-Kawża. Sakemm waslet għas-Sentenza minn meta inbdiet għaddew tlett snin. Dan huwa perjodu raġjonevoli u s-Soċjeta' konvenuta ressqet il-provi regolarment u anke frankat miż-żmien kemm tal-partijiet u anke ta' din il-Qorti meta qablet mal-perċentwal ta' diżabilita' kif fuq spjegat. Għalhekk tħoss li fiċ-ċirkostanzi għandu jkun hemm tnaqqis minimu fil-lump sum payment. Fiċ-ċirkostanzi ser tnaqqsu għal tmintax fil-mija (18%).

Kif ingħad, il-Qorti ma taqbilx għal kollox mal-kalkoli li għamel l-Attur fid-dokument fuq imsemmi u tasal għas-segwenti konklużjoni bħal Attur li s-salarju li għandha timxi fuqu din il-Qorti, tenut kont tal-entrojtu dikjarat, għandu jkun dak

ta' €19,97.36. Meta weġġa' kellu 59 sena u għalhekk kien fadallu sitt snin għall-eta' pensjonabbli ta' 65 sena u mhux disgħa kif jgħid l-Attur.

Dan ifisser, li dan l-ammont għandu jkun multiplikat għal sitt darbiet u mhux għal disgħa, kif jgħid fin-nota tal-Attur. Għalhekk dan jiġi għal €119.828.16. Minn dan jitnaqqas 18% lump sum payment li jwassal għal €98,259. Dan ifisser 20% (perċentwal inkapaċita') tal-ammont huwa 19,651.832.

Minn dan l-ammont is-Soċjeta' Konvenuta trid tħallas perċentwal ta' tletin fil-mija (%30) rappresentanti sehma mir-responsabbilita' tal-inċident, li jġib is-somma ta' ħamest elef tmien mija u ħamsa u disgħin punt ħamsa u ħamsin tal-ewro (€5,895.55). Magħduda ma dan l-ammont l-ammont l-ieħor ta' telf attwali jammonta għal ħamest elef, disgħa mija tnejn u tmenin punt ħamsa u ħamsin tal-ewro(€5,982.55).

**Decide:**

Għaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li is-Soċjeta' konvenuta hija biss responsabbli għall-inċident ta' korriment fuq ix-xogħol li seħħ fis-27 ta' Lulju 2017 fil-grad ta' tletin fil-mija (30%).

**Tilqa' it-tieni talba** u tillikwida id-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' ħamest elef, disgħa mija tnejn u tmenin punt ħamsa u ħamsin tal-ewro(€5,982.55).

**Tilqa' it-tielet talba** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bħala danni bl-imgħaxijiet legali mill-present sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża fil-proporzjoni ta' responsabbilita stabbilita' fis-Sentenza.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**